OPINJONI TAL-AVUKAT ĠENERALI
E. SHARPSTON
ippreżentata fis-26 ta' Marzu 2012 1[1]

**Kawża C-83/12 PPU**

**Minh Khoa Vo**

**[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja)]**

"Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari — Artikoli 21 u 34 tal-Kodiċi dwar il-Viżi — Responsabbiltà kriminali ta' traffikant li jgħin l-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom viżi miksuba b'mod frawdolenti iżda li jkunu għadhom ma ġewx annullati"

1. Il-kwistjoni li tqum f'din it-talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) essenzjalment tirrigwarda l-punt jekk id-dritt tal-Unjoni[2], b'mod partikolari l-Artikoli 21 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi dwar il-Viżi")[3], jipprekludix li Stat Membru jissanzjona kriminalment lil persuna għal għajnuna mogħtija għall-immigrazzjoni illegali meta l-immigranti kkonċernati jkollhom viżi uniformi[4] li mid-dehra jkunu għadhom validi u li, għalkemm ikunu nkisbu b'mod frawdolenti, ikunu għadhom ma ġewx annullati.

2. Mid-deċiżjoni ta' rinviju jirriżulta li M. K. Vo, l-imputat fil-proċeduri kriminali fil-kawża prinċipali, kien ifforma parti minn żewġ gruppi organizzati li fix-xhur ta' Ġunju u ta' Lulju 2010, għal somom ta' flus sostanzjali, għenu lil ċittadini Vjetnamiżi sabiex jidħlu fiż-żona Schengen u sabiex jistabbilixxu ruħhom hemmhekk, b'mod partikolari fil-Ġermanja. Dawn il-gruppi kienu jużaw metodi bbażati fuq il-kisba b'mod frawdolenti ta' viżi uniformi. F'każ minnhom, huma taw x'jifhmu lill-ambaxxata tal-Ungerija fil-Vjetnam li dawn iċ-ċittadini kienu turisti li kienu ser jivvjaġġaw fl-Unjoni Ewropea. F'każ ieħor, dawn iċ-ċittadini ġew iddikjarati lill-ambaxxata tal-Isvezja bħala ħaddiema staġjonali li kienu ser jiġu impjegati sabiex jaqtgħu tip ta' frott (berries).

3. Malli jkunu daħlu fiż-żona Schengen, iċ-ċittadini Vjetnamiżi inkwistjoni kienu jieħdu sehem fi programm turistiku jew jipparteċipaw fil-bidu tal-qtugħ tal-frott qabel ma jiġu ttrasportati bl-għajnuna, f'ċerti każijiet, ta' M. K. Vo, li kien jitħallas għas-servizzi tiegħu, lejn pajjiżi ta' destinazzjoni differenti, prinċipalment il-Ġermanja, fejn kienu qegħdin joqogħdu, f'ċerti każijiet bl-għajnuna ta' M. K. Vo, qabel ma jgħaddu għall-klandestinità.

4. Fuq il-bażi tal-provi mressqa, M. K. Vo nstab ħati f'erba' okkażjonijiet bir-reat ta' għajnuna għall-immigrazzjoni illegali bi skop ta' lukru u fi grupp organizzat, minkejja li kull waħda mill-persuni li infiltraw formalment kellhom viża li ma kinitx ġiet annullata. Huwa ġie kkundannat għal erba' snin u tliet xhur ħabs. Huwa ilu f'detenzjoni proviżorja sa mill-1 ta' Jannar 2011.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Għandu jiġi osservat li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni msemmija iktar 'il quddiem tapplika biss b'mod parzjali ħafna fid-Danimarka, fl-Irlanda u fir-Renju Unit.

3 — Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, p. 1), kif emendat.

4 — Għad-definizzjoni ta' viża uniformi, ara l-punt 17 ta' din l-opinjoni.

5. Permezz ta' rikors ta' "Reviżjoni" kontra l-kundanna tiegħu, M. K. Vo adixxa l-ħames awla kriminali tal-Bundesgerichtshof, li ppreżentat din id-domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Id-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ u l-annullament ta' viża uniformi mal-Artikoli 21 u 34 [tal-Kodiċi dwar il-Viżi] għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali li jrendu l-għajnuna għall-immigrazzjoni illegali suġġetta għal sanzjonijiet kriminali f'każijiet fejn il-persuni inkwistjoni jkollhom viża, iżda jkunu kisbuha b'qerq, billi qarrqu l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor fir-rigward tal-għan veru tal-vjaġġ tagħhom?"

6. Fiċ-ċirkustanzi tal-każ, din id-domanda għandha tinftiehem fis-sens li tinkludi l-possibbiltà li, skont id-dritt tal-Unjoni, persuna fis-sitwazzjoni ta' M. K. Vo ma tistax tiġi kkundannata għal sanzjoni kriminali meta kull wieħed miċ-ċittadini ta' pajjiż terz ikkonċernat ikollu viża li tkun formalment valida, minkejja li tkun inkisbet bi frodi. Sabiex tiġi evalwata din il-kwistjoni, wieħed għandu jżomm f'moħħu l-ispirtu tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet relevanti tad-dritt nazzjonali u tad-dritt tal-Unjoni.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

#### Id-deċiżjoni Qafas 2002/946/ĠAI

7. Skont l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/946/ĠAI [5]:

"Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-ksur tal-liġi ddefinit fl-Artikolu 1 u 2 tad-Direttiva 2002/90/KE ikun ikkastigat b'pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi li jistgħu jinvolvu estradizzjoni."

#### Id-Direttiva 2002/90

8. Mill-premessa 4 tad-Direttiva 2002/90 jirriżulta li l-għan ta' din tal-aħħar huwa li tiddefinixxi l-kunċett ta' "tħaffif ta' immigrazzjoni illegali u bħala konsegwenza li tagħmel iktar effettiva l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni qafas [2002/946] biex timpedixxi dik l-offiża".

9. L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jadotta sanzjonijiet xierqa dwar:

a) kull persuna li intenzjonalment tassisti persuna li mhix ċittadina ta' Stat Membru biex tidħol, jew taqsam fi transitu, it-territorju ta' Stat Membru bi ksur tal-liġijiet dwar id-dħul jew transitu ta' aljeni ta' l-Istat ikkonċernat;

b) kull persuna li, għal qligħ finanzjarju, intenzjonalment tassisti persuna li mhix ċittadina ta' Stat Membru biex toqgħod fit-territorju ta' Stat Membru bi ksur tal-liġijiet dwar ir-residenza ta' aljeni ta' l-Istat ikkonċernati.

5 — Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI, tat-28 ta' Novembru 2002, dwar it-tisħiħ tal-qafas penali biex ikun impedut it-tħaffif tad-dħul, it-tranżitu u r-residenza mhux awtorizzati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 61). Din id-deċiżjoni qafas ġiet adottata fl-istess jum bħad-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE, tat-28 ta' Novembru 2002, li tiddefinixxi l-iffaċilitar ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 64), li tispjega l-kontroreferenzi bejn dawn iż-żewġ miżuri leġiżlattivi.

2. Kull Stat Membru jista' jiddeċiedi ma jimponix sanzjonijiet fir-rigward ta' l-imġieba ddefinita fil-paragrafu 1(a) billi japplika l-liġi nazzjonali u l-prassi (prattika) tiegħu għal każijiet fejn l-għan ta' l-imġieba hu li jipprovdi assistenza umanitarja lill-persuna kkonċernata."

10. L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jipprovdi li:

"Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li s-sanzjonijiet li jirreferi għalihom l-Artikolu 1 jkunu wkoll applikabbli għal kull persuna li:

[…]

b) tkun kompliċi fi [...] ksur tal-liġi kif jirreferi għalih l-Artikolu 1(1)(a) jew (b).

[…]"

11. L-Artikolu 3 tal-istess direttiva jipprovdi:

"Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li r-reati definiti fl-Artikoli 1 u 2 jkunu punibbli b'pieni kriminali li huma effettivi, proporzjonati u dissważivi".

Id-Direttiva 2008/115/KE

12. Id-Direttiva 2008/115/KE [6] tistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri komuni li japplikaw għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin f'soġġorn illegali.

13. Skont l-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva, "'soġġorn illegali' tfisser il-preżenza fit-territorju ta' Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen
[[7]] jew kondizzjonijiet oħrajn għal dħul, soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru".

Il-Kodiċi dwar il-Viżi

14. Skont il-premessa 3 tal-Kodiċi dwar il-Viżi "il-politika komuni dwar tal-viżi […] [hija] parti minn sistema fuq ħafna livelli li għandha l-għan li […] tittratta l-immigrazzjoni illegali permezz ta' aktar armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali biex tiġi miġġielda l-immigrazzjoni klandestina permezz ta' armonizzazzjoni akbar tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonanali u [tal-proċeduri għall-ħruġ tal-viżi] […]".

15. Skont il-premessa 29 tiegħu, il-Kodiċi dwar il-Viżi "jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Konvenzjoni [Ewropea] dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali [iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950,] tal-Kunsill tal-Ewropa u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea".

6 — Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, p. 98). Skont l-Artikolu 22 tagħha, l-imsemmija direttiva daħlet fis-seħħ fit-13 ta' Jannar 2009.

7 — Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 105, p. 1.), kif emendat (iktar 'il quddiem "il-Kodiċi dwar il-Fruntieri Schenghen"). Il-Kodiċi dwar il-Fruntieri Schengen jistabbilixxi miżuri komuni għall-mogħdija ta' persuni mill-fruntieri interni kif ukoll dwar il-kontroll fil-fruntieri esterni u jiżviluppa l-"acquis Schengen", jiġifieri l-miżuri kollha stabbiliti sabiex jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni u sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni. Dan japplika flimkien mal-Kodiċi tal-viżi, li jikkompletah billi jiffissa b'mod iktar dettaljat il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-viżi.

16. Skont l-Artikolu 1(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, dan "jistabbilixxi l-proċeduri u l-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi għal tranżitu mit-territorju tal-Istati Membri jew soġġorni previsti fihom, li ma jkunux ta' iktar minn tliet xhur fi kwalunkwe perijodu ta' sitt xhur". Dan japplika, skont l-Artikolu 1(2) tal-istess kodiċi, "għal kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz, li jrid ikun fil-pussess ta' viża meta jaqsam il-fruntieri esterni tal-Istati Membri".

17. Viża uniformi sservi, għaċ-ċittadini ta' ċerti pajjiżi terzi [8], sabiex ikollhom aċċess għat-territorju tal-Istati Membri kollha taż-żona Schengen u biex jibqgħu hemmhekk, matul il-perjodu tal-validità tagħha, għaż-żmien kollu tas-soġġorn awtorizzat. Skont l-Artikolu 2(2), ta' dan il-kodiċi, viża tirrappreżenta l-awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru b'mod partikolari bil-għan tas-soġġorn previst fit-territorju tal-Istati Membri, għal mhux iktar minn tliet xhur fi kwalunkwe perijodu ta' sitt xhur mid-data tal-ewwel dħul fit-territorju tal-Istati Membri. Skont .l-Artikolu 2(3) tal-istess kodiċi, "viża uniformi" hija "viża valida għat-territorju kollu tal-Istati Membri".

18. Il-viża tinkiseb fuq il-bażi ta' applikazzjoni u serje ta' dokumenti supplementari ppreżentati lill-aworitajiet kompetenti ta' Stat Membru [9]. Malli jiġu ppreżentati d-dokumenti kollha, il-konsulat tal-Istat Membru li ssirlu t-talba jivverifika l-kompetenza tiegħu sabiex jagħti deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tal-applikazzjoni u, jekk ikun il-każ, sabiex jiddeċiedi jekk l-applikazzjoni tissodisfax il-kundizzjonijiet tad-dħul [10].

19. L-Artikolu 21 tal-Kodiċi dwar il-Viżi, bit-titolu "Verifika tal-kondizzjonijiet ta' dħul u stima tar-riskju", jipprovdi:

"1. Fl-eżami ta' applikazzjoni għal viża uniformi, għandu jiġi aċċertat jekk l-applikant jissodisfax il-kondizzjonijiet ta' dħul stabbiliti fl-Artikolu 5(1) (a), (c), (d) u (e) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen [[11]] u għandha tingħata konsiderazzjoni partikolari lill-istima dwar jekk l-applikant ikunx jippreżenta riskju ta' immigrazzjoni illegali jew riskju għas-sigurtà tal-Istati Membri u jekk l-applikant huwiex bi ħsiebu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri qabel l-iskadenza tal-viża li għaliha qiegħda ssir applikazzjoni.

2. Fir-rigward ta' kull applikazzjoni, il-VIS
[[12]] għandha tiġi kkonsultata skont l-Artikoli 8 (2) u 15 tar-Regolament VIS. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir użu sħiħ tal-kriterji kollha tar-riċerka taħt l-Artikolu 15 tar-Regolament dwar il-VIS sabiex jiġi evitat li jsiru ċaħdiet u identifikazzjonijiet foloz.

3. Fil-verifika dwar jekk l-applikant jissodisfax il-kondizzjonijiet ta' dħul, il-konsulat għandu jivverifika:

a) li d-dokument tal-ivvjaġġar li qiegħed jiġi ppreżentat mhuwiex falz, kontrafatt jew iffalsifikat;

b) jiġġustifikaw l-għan u l-kondizzjonijiet tas-soġġorn li jkunu bi ħsiebhom jagħmlu u jkollhom mezzi biżżejjed ta' sussistenza, kemm għall-perijodu tas-soġġorn li jkunu bi ħsiebhom jagħmlu kif ukoll għar-ritorn lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom jew transitu lejn pajjiż terz fejn ikunu ċerti li ser jitħallew jidħlu, jew ikunu f'posizzjoni li jakkwistaw dawn il-mezzi legalment;

8 — Il-lista tal-pajjiżi kkonċernati tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001, tal-15 ta' Marzu 2001, li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 65), kif emendat.

9 — L-Artikolu 5 tal-Kodiċi dwar il-Viżi jiddefinixxi l-Istat Membru kompetenti sabiex jipproċessa tali applikazzjoni.

10 — Artikoli 18 sa 21 tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

11 — Ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 7 f'din l-opinjoni. Dawn il-kundizzjonijiet essenzjalment jikkorrispondu għal dawk li jinsabu fl-Artikolu 21(3)(a) sa (d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

12 — Il-VIS hija sistema ta' skambju ta' data dwar il-viżi bejn l-Istati Membri, li ġiet stabbilita permezz tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-9 ta' Lulju 2008, dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, p. 60) u għandha bħala skop, *inter alia,* li tgħin fl-identifikazzjoni ta' kull persuna li ma tissodisfax jew li ma għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul, tal-preżenza u tas-soġġorn applikabbli fit-territorju tal-Istati Membri.

c) jekk l-applikant huwiex persuna li fir-rigward tagħha tkun inħarġet twissija fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) għall-finijiet ta' ċaħda ta' dħul;

d) li l-applikant mhuwiex ikkunsidrat theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika kif definit fl-Artikolu 2 punt 19 tal-Kodiċi dwar il-Fruntieri ta' Schengen jew għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' xi wieħed mill-Istati Membri, u partikolarment fejn ma tkun inħarġet l-ebda twissija fil-bażijiet tad-data nazzjonali ta' Stat Membru għall-iskop ta' ċaħda tad-dħul għal dawk l-istess raġunijiet;

e) li l-applikant għandu fil-pussess tiegħu assigurazzjoni medika tal-ivvjaġġar adegwata u valida, fejn applikabbli.

4. Fejn meħtieġ, il-konsulat għandu jivverifika t-tul tas-soġġorni preċedenti u dawk previsti sabiex jivverifika li l-applikant ma qabiżx it-tul massimu tas-soġġorn awtorizzat fit-territorju tal-Istati Membri, irrispettivament mis-soġġorni potenzjali awtorizzati minn viża nazzjonali għal soġġorn twil jew permess ta' residenza maħruġ minn Stat Membru ieħor.

[…]

7. L-eżami ta' applikazzjoni għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq l-awtentiċità u l-affidabbiltà tad-dokumenti ppreżentati u fuq il-veraċità u l-affidabbiltà tad-dikjarazzjonijiet li jsiru mill-applikant.

[…]"

20. Jekk dawn il-kundizzjonijiet ikunu sodisfatti, l-awtorità kompetenti tipproċedi sabiex toħroġ il-viża.

21. L-Artikolu 30 tal-Kodiċi dwar il-Viżi jipprovdi madankollu li s-sempliċi pussess ta' tali viża "ma jikkonferix dritt awtomatiku ta' dħul" fit-territorju kollu tal-Istati Membri. L-aċċess għat-territorju ta' Stat Membru jista' jiġi rrifjutat lil persuna li jkollha viża uniformi jekk l-awtoritajiet ta' kontroll tal-fruntjieri jidhrilhom li l-kundizzjonijiet tad-dħul ma jkunux (jew ma jkunux għadhom) ġew sodisfatti [13].

22. L-Artikolu 34 tal-Kodiċi dwar il-Viżi, intitolat "Annullament u revoka", jipprovdi:

"1. Viża għandha tiġi annullata fejn isir evidenti li l-kondizzjonijiet għall-ħruġ tal-viża ma ġewx sodisfatti fiż-żmien tal-ħruġ tagħha, b'mod partikolari jekk hemm raġunijiet serji biex wieħed jaħseb li l-viża nkisbet b'mod frodulenti. Fil-prinċipju, viża għandha tiġi annullata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-viża. Viża tista' tiġi revokata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor, f'liema każ l-awtoritajiet tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-viża għandu jkun infurmat b'tali revoka.

2. Viża għandha tkun revokata meta jsir evidenti li l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tagħha m'għadhomx ikunu sodisfatti. Viża fil-prinċipju għandha tkun revokata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li jkun ħariġha. Viża tista' tiġi annullata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor, f'liema każ l-awtoritajiet tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-viża għandu jkun infurmat b'tali annullament.

3. Viża tista' tiġi revokata fuq it-talba tad-detentur tal-viża. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li ħarġu l-viża għandhom ikunu infurmati b'tali revoka.

13 — Ara wkoll l-Artikolu 13(1) tal-Kodiċi dwar il-Fruntieri Schengen.

4. In-nuqqas tad-detentur tal-viża li jipproduċi, mal-fruntiera, wieħed jew aktar dokumenti ta' sostenn imsemmijin fl-Artikolu 14(3), m'għandux iwassal awtomatikament għal deċiżjoni ta' annullament jew revoka tal-viża.

5. Jekk viża hija annullata jew revokata, għandu jiġi mehmuż magħha timbru li jiddikjara 'ANNULLATA' jew 'REVOKATA' u l-varjazzjoni ottika tal-isticker tal-viża, il-fattur ta' sigurtà ta' 'effett ta' xbieha moħbija' kif ukoll il-kelma 'viża' għandhom jitħassru billi jiġu ingassati.

6. Deċiżjoni dwar l-annullament jew ir-revoka ta' viża u r-raġunijiet li fuqhom hi bbażata għandhom jiġu nnotifikati lill-applikant permezz tal-formola standard stabbilita fl-Anness VI.

7. Id-detentur tal-viża li l-viża tiegħu tkun ġiet annullata jew revokata għandu jkollu d-dritt tal-appell, sakemm il-viża ma tkunx ġiet revokata fuq it-talba tiegħu skont il-paragrafu 3. L-appelli għandhom jitmexxew kontra l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni dwar l-annullament jew ir-revoka u skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-applikanti b'informazzjoni dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita f'każ ta' appell, kif speċifikat fl-Anness VI.

8. L-informazzjoni dwar viża annullata jew revokata għandha tiddaħħal fil-VIS, skont l-Artikolu 13 tar-Regolament VIS."

23. Il-Kodiċi dwar il-Viżi japplika sa mill-5 ta' April 2010 [14], iżda l-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 34 tiegħu japplikaw biss mill-5 ta' April 2011 [15].

24. Qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi dwar il-Viżi, l-annullament kien irregolat minn deċiżjoni tal-kumitat eżekuttiv tal-14 ta' Diċembru 1993 dwar il-prinċipji komuni għall-annullament, ir-revoka u t-tnaqqis taż-żmien ta' validità ta' viża uniformi [16]. Din id-deċiżjoni tiddefinixxi "Kanċellament" bħala li għandu l-effett "li jkun miżmum l-aċċess għat-territorju ta' l-Istati Firmatarji għall-Konvenzjoni ta' Schengen, notevolment fejn il-visa tkun ingħatat bi żball lill-barrani li [kien] soġġett ta' allarm biex ma jkunx permess lilu d-dħul bħala persuna mhux mixtieqa" [17]. Kien previst espressament, f'dan il-każ, li "il-viża [kellha] titqies li ma eżistiet qatt" [18]. L-istruzzjonijiet konsulari komuni jikkonfermaw dawn l-ispjegazzjonijiet [19].

*Id-dritt Ġermaniż*

25. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti hija l-Liġi dwar is-soġġorn, ix-xogħol u l-integrazzjoni tal-barranin fit-territorju federali (iktar 'il quddiem l-"Aufenthaltsgesetz") [20].

26. Skont l-Artikolu 4(1) tal-Aufenthaltsgesetz, biex jidħlu u jirrisjedu fit-territorju Federali, il-barranin għandhom bżonn ta' titolu ta' residenza, b'mod partikolari viża, sakemm id-dritt tal-Unjoni jew dispożizzjoni leġiżlattiva oħra ma jkunux jipprovdu mod ieħor.

14 — Artikolu 58(2) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

15 — Artikolu 58(5) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

16 — SCH/Com-ex (93) 24 (ĠU 2000 L 239, p. 154, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni SCH/Com-ex (93) 24"). Din id-deċiżjoni ġiet irrevokata bil-Kodiċi dwar il-Viżi. Ara l-Artikolu 56(2)(b) tal-Kodiċi dwar il-Viżi. Għal spjegazzjoni dwar l-interazzjoni bejn il-Ftehim ta' Schengen, il-Konvenzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim Schengen, il-Manwal komuni, l-istruzzjonijiet konsulari komuni u d-deċiżjonijiet tal-kumitat eżekuttiv stabbilit permezz tal-Konvenzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim Schengen, ara s-sentenza tat-18 ta' Jannar 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-257/01, Ġabra p. I-345, punti 7 sa 14).

17 — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni SCH/Com-ex (93) 24.

18 — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni SCH/Com-ex (93) 24. Min-naħa l-oħra, ir-"revoka tippermetti, wara d-dħul fit-territorju, li jiġi annullat il-perjodu ta' validità li jkun fadal fuq il-viża uniformi" u "m'għandhiex effett retroattiv" [It-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni SCH/Com-ex (93) 24].

19 — Istruzzjonijiet konsulari komuni dwar viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u postijiet konsulari (ĠU 2005 C 326, p. 1), kif emendati (anness 14).

20 — Gesetz über den Aufenthalt, die Erwerbstätigkeit und die Integration von Ausländern im Bundesgebiet.

27. L-Artikolu 95(1) tal-Aufenthaltsgesetz jipprovdi piena ta' ċaħda ta' libertà sa sena jew multa għal, b'mod partikolari, kull min jidħol fit-territorju federali mingħajr ma jkollu tali titolu li jkun formalment validu. Skont l-Artikolu 95(6) tal-istess liġi, "il-fatt li wieħed jaġixxi fuq il-bażi ta' titolu ta' residenza miksub b'mod frawdolenti għandu jiġi assimilat mal-fatt li wieħed jaġixxi mingħajr ma jkollu t-titolu ta' residenza meħtieġa". L-assimilazzjoni (jew *fictio juris*) prevista skont din id-dispożizzjoni la taffettwa l-pożizzjoni tat-titolari tal-viża taħt id-dritt amministrattiv, u lanqas ir-rimedji miftuħa għalih biex tiġi kkontestata deċiżjoni ta' annullament li tista' tingħata. Dan jgħodd biss għal kwistjonijiet kriminali.

28. L-Artikolu 96(1) tal-Aufenthaltsgesetz jipprovdi piena ta' ċaħda ta' libertà li tista' titla' sa ħames snin jew multa għal, *inter alia,* kull min iħeġġeġ jew jgħin lil ħaddieħor sabiex jikkommetti att issanzjonat taħt l-Artikolu 95(1) tal-Aufenthaltsgesetz u jikseb vantaġġ minn dan jew jiġi mwiegħed tali vantaġġ jew inkella jaġixxi b'mod ripetut jew għall-benefiċċju ta' diversi barranin. Skont il-paragrafu 4 tal-imsemmi Artikolu 96, l-istess dispożizzjonijiet japplikaw għall-ksur ta' dispożizzjonijiet dwar id-dħul u s-soġġorn ta' barranin fit-territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni jew ta' Stat li jinsab fiż-żona Schengen, jekk dawn ikunu jikkorrispondu għall-atti msemmija mid-dritt nazzjonali u jekk l-awtur tal-att jagħti appoġġ lil barrani li ma jkunx ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni jew ta' Stat ieħor li huwa parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

29. Skont l-Artikolu 97(2) tal-Aufenthaltsgesetz, il-piena ta' ċaħda ta' libertà tista' titla' sa għaxar snin għal, *inter alia* kull min jaġixxi bi skop ta' lukru fi ħdan grupp ikkostitwit sabiex jitwettqu dawn l-atti.

## Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

30. Fuq talba tal-Bundesgerichtshof, peress li M. K. Vo kien persuna detenuta skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tissottometti t-talba għal deċiżjoni preliminari għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mir-rappreżentant ta' M. K. Vo, mill-Generalbundesanwalt (il-prosekutur ġenerali Federali), mill-Gvern Ġermaniż u mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn l-erba' partijiet, kif ukoll il-Gvern Grieg, kienu rrappreżentati matul is-seduta tat-22 ta' Marzu 2012.

## Analiżi

### *Rimarki preliminari*

31. Il-kwistjoni li tqum f'din il-kawża essenzjalment hija dik dwar jekk id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 21 u 34 tal-Kodiċi dwar il-Viżi, jipprekludix li l-qorti nazzjonali fi proċedura kriminali ssib ħatja lil persuna akkużata b'għajnuna għall-immigrazzjoni illegali, mingħajr ma teżiġi li titressaq prova tal-immigrazzjoni illegali permezz tal-annullament minn qabel ta' viżi uniformi miksuba b'mod frawdolenti u mogħtija lil ċittadini ta' pajjiż terz li dik il-persuna tkun għenet sabiex jidħlu u/jew jirrisjedu fit-territorju tal-Istat Membru inkwistjoni.

32. Tali kwistjoni hija bbażata fuq ir-relazzjoni li jista' jkun hemm bejn il-proċedura amministrattiva għall-annullament ta' viża, li tirrigwarda lid-detentur tagħha, minn naħa, u l-proċeduri kriminali għall-penalizzazzjoni tal-għajnuna għall-immigrazzjoni illegali, li tikkonċerna lit-traffikant, min-naħa l-oħra.

33. Bħala prinċipju, huwa d-dritt nazzjonali li għandu jiddetermina t-tqassim tal-kompetenzi, kemm bejn is-setgħa ġudizzjarja u s-setgħa eżekuttiva kif ukoll bejn il-ġurisdizzjoni tal-qorti kriminali u dik tal-qorti amministrattiva, kif ukoll l-effetti ta' deċiżjoni amministrattiva fuq proċedura kriminali u dawk ta' deċiżjoni kriminali fuq proċedura amministrattiva. F'Unjoni b'saħħitha ta' 27 Stat Membru, fejn kull wieħed minnhom għandu l-ordinament ġuridiku tiegħu, huwa probabbli li dak it-tqassim ta' kompetenzi, u l-konsegwenzi li jirriżultaw minnu, huwa wkoll ikkaratterizzat bid-diversità.

34. Id-dritt nazzjonali b'hekk jirregola dik ir-relazzjoni bejn id-dritt amministrattiv u d-dritt kriminali, ħlief meta, u sa fejn, l-Unjoni tkun eżerċitat il-kompetenzi tagħha f'qasam speċifiku. Jekk dan ikun il-każ, għandu jiġi vverifikat il-kontenut rilevanti tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam. Hawnhekk, għandu jiġi ddeterminat jekk dan jipprekludix li traffikant akkużat b'għajnuna għall-immigrazzjoni illegali jinstab ħati mingħajr prova tal-annullament minn qabel tal-viżi tal-immigranti inkwistjoni.

35. Effettivament, l-Unjoni eżerċitat il-kompetenzi tagħha fl-oqsma kkonċernati iżda b'mod ristrett.

36. Minn naħa, wara l-ħolqien taż-żona Schengen, l-Istati parteċipanti aċċettaw li jarmonizzaw il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-ħruġ ta' viżi għas-soġġorni previsti fit-territorju tagħhom. Dawn il-kundizzjonijiet u proċeduri huma kkonfermati fil-Kodiċi dwar il-Viżi.

37. Għaldaqstant, għandu jiġi analizzat qabel kollox il-Kodiċi dwar il-Viżi sabiex jiġi stabbilit sa fejn l-Unjoni tarmonizza l-kundizzjonijiet u l-proċedura ta' annullament ta' viża, b'mod partikolari jekk din tinkludix dispożizzjonijiet dwar il-valur probatorju ta' tali annullament fi proċeduri kriminali dwar terz akkużat b'għajnuna għall-immigrazzjoni illegali.

38. Min-naħa l-oħra, skont id-Deċiżjoni Qafas 2002/946 u d-Direttiva 2002/90, Stat Membru huwa obbligat li jippenalizza l-għajnuna għall-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fit-territorju tiegħu u li jgħaddu minn hemm jew jirrisjedu hemmhekk bi ksur tal-leġiżlazzjoni tiegħu dwar id-dħul, it-tranżitu jew is-soġġorn ta' barranin[21]. Peress li d-domanda tal-Bundesgerichtshof tikkonċerna n-neċessità eventwali li jiġi stabbilit li viża ġiet annullata għall-ħtiġijiet tal-prova fil-kuntest ta' proċedura kriminali kontra traffikant akkużat b'għajnuna għall-immigrazzjoni illegali, għandu jiġi eżaminat ukoll jekk id-Direttiva 2002/90 u d-Deċiżjoni Qafas 2002/946 jillimitawx il-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri kriminali bl-istess mod bħal fir-rigward tar-relazzjoni bejn id-dritt amministrattiv u d-dritt kriminali f'dan is-sens.

*Il-Kodiċi dwar il-Viżi u l-effett li jista' jkollu n-nuqqas ta' deċiżjoni li tannulla viża ta' allegat immigrant illegali fuq ir-responsabbiltà kriminali ta' terz akkużat b'għajnuna għall-immigrazzjoni illegali*

39. Qabel kollox, nosserva li kemm l-Artikolu 21 kif ukoll l-Artikolu 34 tal-Kodiċi dwar il-Viżi ma jagħmlux riferiment, la għar-responsabbiltà kriminali ta' persuna li tkun ipprovdiet għajnuna għall-immigrazzjoni illegali u lanqas għar-regoli proċedurali jew probatorji li japplikaw fi proċeduri kriminali.

40. Ir-rappreżentant ta' M. K. Vo madankollu jsostni li, fuq il-bażi tal-Kodiċi dwar il-Viżi, il-viżi taċ-ċittadini Vjetnamiżi li huwa allegatament għen sabiex jemigraw lejn iż-żona Schengen kellhom jiġu annullati, fil-prinċipju mill-awtoritajiet Ungeriżi u Svediżi, qabel ma l-qorti kriminali tkun tista' tiddeċiedi li l-akkuża kontra M. K. Vo hija fondata. F'dan ir-rigward, ir-rappreżentant ta' M. K. Vo jsostni li l-qorti kriminali tista' tikkundannah għal għajnuna għall-immigrazzjoni illegali biss jekk jiġi stabbilit li awtorità kompetenti tkun tat deċiżjoni amministrattiva li tannulla dawk il-viżi u tkun kkomunikat dan l-annullament lill-Istati Membri l-oħra.

41. Jidhirli li din il-pożizzjoni hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

42. Dan tal-aħħar ma jippretendix li jarmonizza b'mod eżawrjenti l-proċedura amministrattiva għall-annullament ta' viża uniformi. Wisq inqas ma jirregola l-proċeduri kriminali għall-għajnuna għall-immigrazzjoni illegali jew ir-relazzjoni bejn iż-żewġ proċeduri fir-rigward tal-punt inkwistjoni. Il-portata tiegħu hija nettament iktar limitata.

21 — Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/946 u Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2002/90, suġġett għall-fakultà taħt l-Artikolu 1(2) ta' din tal-aħħar, f'każ ta' azzjoni bi skop umanitarju (ara l-punt 9 ta' din l-opinjoni).

43. Madankollu, f'xiex tikkonsisti din l-armonizzazzjoni stabbilita?

44. L-ewwel nett, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 34(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi tistabbilxxi l-kawżi ta' annullament.

45. L-annullament ta' viża jiddependi mir-risposta għall-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet tal-ħruġ tagħha kinux *sodisfatti fil-mument ta' dak il-ħruġ*[22]. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-imsemmi Artikolu 34(1) jipprovdi li l-"viża *għandha tiġi* annullata". Il-kisba ta' viża b'mod frawdolenti b'hekk bilfors għandha twassal għall-annullament tagħha.

46. Jekk il-*kawża* tal-annullament tkun tirrigwarda biss il-fatti applikabbli fil-mument tal-ħruġ, il-*konstatazzjoni* ta' din il-kawża tista' ssir fi kwalunkwe mument, b'mod partikolari qabel, matul jew wara l-użu tal-viża[23].

47. It-tieni nett, it-tieni u t-tielet sentenzi tal-Artikolu 34(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jiddefinixxu l-kompetenza, kif ukoll l-obbligu, tal-Istati Membri li jannullaw viża.

48. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' ħruġ għandhom fil-pussess tagħhom il-fajl u jafu ċ-ċirkustanzi li fihom inħarġet il-viża. Għal din ir-raġuni huma jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jikkonstataw, eventwalment qabel kull użu tal-viża, li ma kellhomx joħorġuha. Minn dan jirriżulta li huwa dan l-Istat Membru li huwa responsabbli fl-ewwel lok għall-annullament tal-viża. Hija għal din ir-raġuni li l-Artikolu 34(1) jistabbilixxi li viża "*[f]il-prinċipju, viża għandha tiġi annullata* mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-viża".

49. Madankollu, jista' jkun il-każ li ċ-ċirksustanzi li għalihom il-viża ma kellhiex tinħareġ jiġu kkonstatati biss meta d-detentur ikun diġà beda l-vjaġġ tiegħu lejn iż-żona Schengen, jippreżenta ruħu sabiex jidħol fit-territorju ta' Stat Membru jew, sussegwentement, jirrisjedi hemmhekk. Loġikament, huwa minn dan il-mument li l-Istat Membru li mal-fruntieri jew fit-territorju tiegħu jkun jinsab dak id-detentur b'hekk isir ikkwalifikat u responsabbli sabiex jannulla l-viża u, jekk ikun il-każ, li jinforma lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-ħruġ dwar dan. Hija għal din ir-raġuni li l-aħħar sentenza tal-Artikolu 34(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi tipprovdi li viża "*tista'* tiġi revokata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor, f'liema każ l-awtoritajiet tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-viża għandu jkun infurmat b'tali revoka"[24].

50. L-annullament ta' viża b'hekk ma huwiex kompetenza esklużiva tal-Istat Membru tal-ħruġ, iżda kompetenza kondiviża. Dan jirrifletti r-rispett reċiproku sħiħ bejn l-Istati Membri li għandu jirrenja fil-kuntest tal-ħruġ, l-aċċettazzjoni u l-użu tal-viżi uniformi kif ukoll l-ispirtu ta' kooperazzjoni leali u rikonoxximent reċiproku li għandu jirregola d-deċiżjonijiet ta' annullament ta' viża fiż-żona Schengen[25].

51. It-tielet nett, l-Artikolu 34 tal-Kodiċi dwar il-Viżi jistabbilixxi l-konsegwenza ġenerali tal-annullament tal-viża. Jekk id-deċiżjoni amministrattiva tirriżulta mill-konstatazzjoni relatata mal-fatt li l-viża qatt ma kellha tingħata, minn dan jirriżulta li l-effetti tal-annullament huma retroattivi.

22 — L-Artikolu 34(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi. B'hekk isegwi wkoll li Stat Membru ma għandux id-dritt li jannulla viża f'ċirkustanzi fejn il-kundizzjonijiet tal-ħruġ tagħha kienu sodisfatti kif suppost f'dak il-mument.

23 — F'dan ir-rigward, ma neskludix li l-annullament ta' viża, li tkun skadiet, jista' xorta waħda jkun effettiv. Jidhirli li, f'tali ċirkustanzi, l-annullament tal-viża u n-notifika tagħha lid-detentur jippermettu li jiġu invokati kontrih, b'effett retroattiv, il-konsegwenzi tal-invalidità fir-rigward tal-perijodu tat-tul tal-validità tal-viża.

24 — Għandu jiġi osservat li verżjonijiet lingwistiċi oħra ta' din id-dispożizzjoni jużaw ukoll verbi differenti b'mod li ssir distinzjoni bejn l-obbligu tal-Istat Membru li joħroġ il-viża u l-kompetenza tal-Istati Membri l-oħra.

25 — F'dan il-kuntest, infakkar ukoll l-osservazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino (C-105/03, Ġabra p. I-5285, punt 42) jiġifieri li "[i]kun diffiċli għall-Unjoni li twettaq ix-xogħol tagħha b'mod effikaċi jekk il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, li jimplika partikolarment li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha ġenerali jew partikolari sabiex jiggarantixxu l-eżekuzzjoni ta' l-obbligi tagħhom taħt d-dritt ta' l-Unjoni Ewropea, ma jkunx impost ukoll fil-kuntest tal-kooperazzjoni mill-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li fuq kollox hija bbażata kompletament fuq il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet".

52. Matul is-seduta, il-Gvern Ġermaniż sostna li kull Stat Membru huwa kompetenti sabiex jiddetermina l-konsegwenzi tal-annullament.

53. Jien ma naqbilx.

54. Fir-rigward tal-effett tal-annullament ta' viża fuq il-pożizzjoni amministrattiva tad-detentur, l-imsemmi Artikolu 34 jagħmel distinzjoni bejn l-annullament u r-revoka skont il-mument meta l-kundizzjonijiet tal-ħruġ ma jkunux sodisfatti. L-annullament ta' viża jirriżulta mill-fatt li dawn il-kundizzjonijiet *ma kinux sodisfatti* fil-mument tal-ħruġ, waqt li r-revoka ta' viża tirriżulta mill-fatt li dawn *ma jkunux għadhom sodisfatti*, minkejja li kienu fil-mument meta ngħatat il-viża[26].

55. Jidhirli li huwa diffiċli nimmaġina li l-leġiżlatur ippreveda din id-distinzjoni waqt li ried li l-effett tal-annullament u dak tar-revoka jkun eventwalment identiku. Mill-Artikolu 32(1)(b) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jirriżulta li viża "għandha tinċaħad" f'każ fejn "ikun hemm dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokumenti ta' sostenn ippreżentati[,] [...] dwar il-veraċità tal-kontenut tagħhom, [...] jew l-intenzjoni [tal-applikant] li jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri qabel l-iskadenza tal-viża li għaliha qiegħda ssir applikazzjoni". Jekk jiġi kkonstatat, wara l-ħruġ tal-viża, li dawn iċ-ċirkustanzi kienu jeżistu fil-mument meta tkun inħarġet (iżda ma kinux skoperti fil-ħin mill-awtoritajet kompetenti), jidhirli li huwa imperattiv li l-konsegwenza tkun l-istess daqs li kieku dawn tal-aħħar applikaw l-Artikolu 32(1)(b). Dan b'hekk jimplika n-nuqqas ta' kull validità sa mill-bidu (annullament *ex tunc*).

56. Minn dan isegwi wkoll li fin-nuqqas ta' ċirksutanzi li kienu jwasslu għar-rifjut tal-viża skont l-Artikolu 32 tal-Kodiċi dwar il-Viżi, viża li tkun inħarġet tibqa' valida sa meta tiskadi jew sa meta tiġi rrevokata u tkopri, għaldaqstant, is-soġġorn preċedenti fit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar. Min-naħa l-oħra, mill-mument meta tiġi rrevokata, il-viża ma tibqax titolu validu sabiex tiġġustifika soġġorn (abrogazzjoni *ex nunc*).

57. Ir-raba' nett, l-Artikolu 34(5) sa (7) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jiddetermina ċerti stadji differenti li għandhom jiġu segwiti sabiex id-deċiżjoni ta' annullament tkun tista' tiġi eżegwita u l-effetti tagħha invokati *kontra d-detentur*.

58. Għandu jkun ċar li, kif tosserva l-Generalbundesanwalt, viża ma tiġix annullata awtomatikament.

59. L-annullament ta' viża huwa deċiżjoni amministrattiva li tiddependi minn eżami ta' provi li juru li l-ħruġ tagħha ma kienx iġġustifikat. Din id-deċiżjoni sussegwentement tiġi nnotifikata lid-detentur[27]. Effettivament, ir-rekwiżiti ta' ċertezza legali ma jipprojbixxux li tali evalwazzjoni kif ukoll kull deċiżjoni amministrattiva li tesprimiha jistgħu jiġu invokati kontra d-detentur tal-viża mingħajr ma tiġi nnotifikata formalment.

60. Id-deċiżjoni mmotivata tiġi nnotifikata permezz tal-formola li tinsab fl-Anness VI tal-Kodiċi dwar il-Viżi[28]. Id-detentur jiġi avżat ukoll billi l-viża tiegħu tiġi stampata bil-kliem "ANNULLATA" kif ukoll kliem ieħor li jindika li l-viża ġiet invalidata[29].

61. B'mod partikolari, in-notifika hija intiża sabiex tiggarantixxi li d-detentur tal-viża jkun jaf, l-ewwel nett, li fuq il-bażi tal-viża tiegħu, huwa ma huwiex, u qatt ma kien, awtorizzat li jidħol fiż-żona Schengen sabiex jirrisjedi hemmhekk, it-tieni nett li l-awtoritajiet waslu għall-konklużjoni tagħhom fuq il-bażi ta' elementi li bihom ġie infurmat, u it-tielet nett, li huwa għandu d-dritt li jippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni skont l-Artikolu 34(7) tal-Kodiċi dwar il-Viżi. Id-deċiżjoni għandha tiġi

26 — Artikolu 34(2) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

27 — L-obbligu li jiġi nnotifikat id-detentur bl-annullament permezz ta' formola tat-tip li jinsab fl-Anness VI japplika biss mill-5 ta' April 2011 (ara l-punt 23 ta' din l-opinjoni). Sa dak iż-żmien, id-dritt nazzjonali kien japplika għall-motivazzjoni u n-notifika ta' deċiżjoni ta' dan it-tip.

28 — Artikolu 34(1) u (6) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

29 — L-Artikolu 34(5) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

spjegata b'tali mod li tippermetti lid-detentur jeżerċita d-drittijiet tiegħu fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni u tad-dritt amministrattiv tal-Istat Membru li jadotta d-deċiżjoni[30]. Huwa evidenti li, sabiex id-deċiżjoni tkun tista' tiġi nnotifikata lill-persuna kkonċernata u sabiex il-kliem "ANNULLATA" jitpoġġa fuq il-viża tiegħu, għandu jkun f'pożizzjoni li jista' jinstab.

62. Finalment, l-Artikolu 34(8) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jipprovdi li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw l-informazzjoni dwar il-viżi annullati fil-VIS[31]. B'hekk, l-Istati Membri l-oħra huma avżati li d-detentur ma għandux, u qatt ma kellu, titolu validu abbażi tal-viża annullata sabiex jirrisjedi fiż-żona Schengen.

63. Kif għadni kif spjegajt, l-Artikolu 34 tal-Kodiċi dwar il-Viżi jidentifika ċerti stadji suċċessivi fil-proċedura amministrativa sabiex il-konsegwenzi tal-annullament ikunu jistgħu jiġu invokati kontra d-detentur. Min-naħa l-oħra, ma jistabbilixxix il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tagħhom.

64. Jidhirli li huwa ċar ukoll li l-Artikolu 34 ma jinkludi ebda element li jippermetti li wieħed jaħseb li dan huwa relatat mas-sitwazzjoni ta' terz li jinstab ħati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali relatati ma' għajnuna għall-immigrazzjoni illegali. F'dan ir-rigward, barra minn hekk, nosserva li l-imsemmi Artikolu 34 ma jipprevedix li persuna apparti d-detentur tista' tressaq rikors amministrattiv kontra deċiżjoni eventwali għall-annullament ta' viża. Lanqas ma tipprevedi li terz jista' jintervjeni f'tali rikors.

65. Għaldaqstant, jidhirli li l-portata tal-Artikolu 34 tal-Kodiċi dwar il-Viżi ma tistax tħaddan proċeduri kriminali li jikkonċernaw l-għajnuna għall-immigrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom viżi uniformi li mid-dehra jkunu għadhom validi u li, għalkemm ikunu nkisbu b'mod frawdolenti, ikunu għadhom ma ġewx annullati.

*Id-dritt tal-Unjoni (minbarra l-Kodiċi dwar il-Viżi) u l-effett eventwali tan-nuqqas ta' deċiżjoni li tannulla viża ta' allegat immigrant illegali fuq ir-responsabbiltà kriminali ta' terz akkużat b'għajnuna għall-immigrazzjoni illegali*

66. Għalkemm il-Kodiċi dwar il-Viżi jarmonizza biss b'mod parzjali d-dritt amministrattiv fir-rigward tal-annullament ta' viża, għandu jiġi vverifikat jekk id-dritt tal-Unjoni, minbarra l-Kodiċi dwar il-Viżi, jipprekludix li persuna fis-sitwazzjoni ta' M. K. Vo tiġi kkundannata għal sanzjoni kriminali meta l-immigranti kkonċernati jkollhom viżi formalment validi, iżda miksuba b'mod frawdolenti.

67. F'dan ir-rigward, infakkar li Stat Membru huwa obbligat li jissanzjona l-għajnuna għall-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fit-territorju tiegħu u jirrisjedu hemmhekk bi ksur tal-leġiżlazzjoni tiegħu dwar id-dħul u s-soġġorn ta' barranin[32]. Element li jikkostitwixxi dan il-ksur kriminali b'hekk huwa l-irregolarità tad-dħul u tas-soġġorn ta' dawn tal-aħħar. Skont id-Direttiva 2002/90, din l-irregolarità hija ddeterminata skont id-dritt nazzjonali. Huwa ċar li d-dritt nazzjonali għandu jikkonforma ruħu mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni li tapplika, inklużi l-kundizzjonijiet kif ukoll il-proċeduri għall-ħruġ u l-annullament ta' viża, u li jiġu rrispettati l-għanijiet tad-Direttiva 2002/90 u dawk tad-Deċiżjoni Qafas 2002/946, b'mod partikolari fir-rigward tal-penalizzazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali.

68. Id-Direttiva 2002/90 u d-Deċiżjoni Qafas 2002/946 jipprekludu li l-irregolarità tad-dħul u tas-soġġorn tal-barranin tiġi stabbilita fil-kuntest ta' proċeduri kriminali fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' annullament?

30 — L-Artikolu 34(7) tal-Kodiċi dwar il-Viżi fir-rigward tad-dritt li jiġi ppreżentat rikors kontra deċiżjoni ta' annullament japplika biss sa mill-5 ta' April 2011 (ara l-punt 23 ta' din l-opinjoni). Sa dak iż-żmien, id-dritt nazzjonali kien japplika għall-possibbiltà li jitressaq rikors ta' dan it-tip.

31 — Artikolu 34(8) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

32 — Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/946 u l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2002/90, suġġett għall-fakultà miftuħa mill-Artikolu 1(2) ta' din tal-aħħar, f'każ ta' azzjoni bi skop umanitarju (ara l-punt 9 ta' din l-opinjoni).

69. Le.

70. La d-Direttiva 2002/90 u lanqas id-Deċiżjoni Qafas 2002/946 ma jipprovaw japprossimaw id-dritt kriminali tal-Istati Membri fil-qasam tal-provi. Effettivament, l-iskop tal-imsemmija leġiżlazzjoni huwa sempliċement li jiġu ddefiniti l-għajnuna għas-soġġorn, għat-tranżitu u għad-dħul irregolari, l-eċċezzjonijiet għal din id-definizzjoni u r-regoli fundamentali dwar is-sanzjonijiet, ir-responsabbiltà u l-kompetenza [33].

71. B'hekk, id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix li d-dritt kriminali ta' Stat Membru jippermetti li l-*kwalifikazzjoni ġuridika* tal-ksib b'mod frawdolenti ta' viża tiddependi fuq ġbir ta' provi li ma jinkludix il-fatt ta' deċiżjoni preliminari amministrattiva li tannulla l-viża inkwistjoni.

72. B'mod ċar, kif enfasizza korrettament il-Gvern Ġermaniż waqt is-seduta, il-qorti kriminali ma tistax tapplika d-dritt nazzjonali la b'mod li tikkomprometti l-għanijiet tal-Unjoni, u lanqas b'mod li tippreġudika d-drittijiet fundamentali li d-dritt tal-Unjoni jagħti lil imputat fi proċeduri kriminali [34].

73. Għaldaqstant jiena tal-fehma li, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, in-nuqqas ta' deċiżjoni amministrattiva preliminari dwar l-annullament ta' viża ma jipprekludix li persuna fis-sitwazzjoni ta' M. K. Vo tiġi kkundannata għal sanzjoni kriminali.

*Id-dritt tal-Unjoni u l-effett li jista' jkollu n-nuqqas ta' notifika lid-detentur ta' deċiżjoni li tannulla viża ta' allegat immigrant illegali fuq ir-responsabbiltà kriminali ta' terz akkużat b'għajnuna għall-immigrazzjoni illegali*

74. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu tiddeċiedi li, skont id-dritt tal-Unjoni, deċiżjoni preliminari ta' annullament hija neċessarja, ikollu jiġi eżaminat jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix li persuna fis-sitwazzjoni ta' M. K. Vo tistax tiġi kkundannata għal sanzjoni kriminali meta l-immigranti kkonċernati ma jkunux irċevew in-notifika ta' din id-deċiżjoni u l-annullament ma jkunx ġie kkomunikat lill-Istati Membri l-oħra.

75. Jidhirli li dan ma huwiex il-każ. Din il-pożizzjoni hija bbażata fuq raġunament identiku għal dak li wassalni sabiex nikkonkludi li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix li Stat Membru jissanzjona kriminalment lil persuna għal għajnuna għall-immigrazzjoni illegali meta l-immigranti kkonċernati jkollhom viżi uniformi li mid-dehra jkunu validi u li, għalkemm ikunu nkisbu b'mod frawdolenti, ikunu għadhom ma ġewx annullati [35].

76. Barra minn hekk, interpretazzjoni differenti tmur kontra l-għan tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali. Persuna involuta fl-organizzazzjoni ta' immigrazzjoni illegali tiġi kkumpensata talli tkun għenet lill-immigranti sabiex jirrisjedu b'mod klandestin u mingħajr titolu validu fiż-żona Schengen. Effettivament, kif isostnu l-biċċa l-kbira tal-partijiet li ssottomettew osservazzjonijiet, il-kompitu tal-awtoritajiet li jinnotifikaw formalment deċiżjoni ta' annullament lil persuni li ddaħħlu illegalment fit-territorju hija barra minn hekk iktar kumplessa jekk it-traffikant ikollu interess li jgħinhom sabiex jinħbew. Minn dan isegwi li t-traffikant probabbilment ikun f'pożizzjoni aħjar li jaħrab mir-responsabbiltà kriminali għall-għajnuna għall-immigrazzjoni illegali.

33 — Ara l-premessa 3 tad-Direttiva 2002/90 u dik tad-Deċiżjoni Qafas 2002/946.

34 — F'dan ir-rigward, nirreferi għall-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

35 — Madankollu, għandu jingħad ukoll li, meta jitqies ir-rwol tagħhom, ma jidhirlix evidenti li n-notifika lid-detentur u l-komunikazzjoni lill-Istati Membri jista' jkollhom valur probatorju, iktar minn dak tad-deċiżjoni ta' annullament, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mressqa, mhux kontra d-detentur tal-viża, iżda kontra terz.

## Konklużjoni

77. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, jiena tal-opinjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi kif ġej għad-domanda magħmula:

"L-Artikoli 21 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, (il-Kodiċi dwar il-Viżi), kif emendat, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li Stat Membru jippenalizza l-għajnuna għall-immigrazzjoni illegali ta' persuni barranin li jkollhom viża uniformi miksuba b'mod frawdolenti li tkun għadha ma ġietx annullata."